MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2005

Numru. 207/2004

PULIZIJA
SPETTUR LOUISE CALLEJA
VS
WILLIAM ABDILLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat William Abdilla ta' 22 sena, iben Charles u Anne imwielda Stivala, imwieled Pieta fl-24 ta' Awissu 1981, li joqghod 36, Triq Sant'Andrija, Birzebbuga, u detentur tal-karta tal-identita numru 477081M talli fis-27 ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, ser jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika indicenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika indicenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi whud minn dawn ir-ritratti, films, video

recordings jew xbiehat elettronici indicenti juru persuni taht l-eta li ma kienux ghalqu d'disa snin, u dan bi ksur tal-artikolu 208A tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 2005 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 208(A)(ii) u (iii) u 28A u 28G tal-kap 9 tikkundannah ghal suspended sentence supervision order u tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services Services sabiex jinnomina probation officer addattat ghall-imputat.

Il-perjodu ta' sorveljanza ghandu jkun ta' tlett snin.

Din il-piena qed tigi inflitta wara li l-Qorti ikkunsidrat diversi fatturi inkluz il-fatt illi il-kaz jitratta unikament ta' **pussess** ta' materjal pornografiku ta' tfal; illi parti mill-materjal pronografiku jitratta tfal taht id-disa snin; il-fatt illi dan il-materjal ma gie b'ebda mod ggirat; il-fatt li l-imputat obbliga ruhu li jiehu t-terapija ghand Clinical Psychologist ghal sena; il-fatt li l-imputat ghamel ammissjoni bikrija; u il-fatt illi l-piena massima ghal dan ir-reat hija ta' sena prigunerija.

Din il-Qorti di piu fehmet lill-imputat il-hsara irreparabbli u bla fini li qed ssir fuq tfal li jintuzaw u jintremew biex jigi

sodisfatt is-“supply” u d-“demand” ghal dan it-tip ta’ materjal.

Illi in oltre l-Qorti tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti esebiti.

Il-Qorti tirrakomanda bil-qawwa li l-imputat jattendi t-terapija psikologika ghand Clinical Psychologist ghal perjodu ta' sena b'zewg sessions fix-xahar bhala minimu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------